**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 25.11.07**: SOLENNITA' TA' SIDNA ĠESU' KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU.

**JUM IL-KARITA'**

Fit-3.00p.m. titlaq ix-xarabank mil-Pjazza tal-Knisja biex ningħaqdu mal-parroċċi li oħra kollha ta' Għawdex ħalli nieħdu sehem fil-funzjoni ta' Kristu Sultan, fir-Rabat.

Ikun hemm korteo mill-Pjazza Ndipendenza sa l-Isports Complex fejn kulħadd ikun jista joqgħod bilqegħda. Se jkunu mistiedna speċjali dawk li matul din is-sena għammdu t-tarbija tagħhom u anke dawk li qed jistennew tarbija.

**IL-ĠIMGĦA, 30.11.07:** Festa ta' San Andrija Appostlu.

**IL-ĦADD, 2.12.07**: **L-EWWEL ĦADD TA' L-AVVENT**

**Fil-10.30a.m.** Quddiesa li fiha jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija.

## **LECTIO DIVINA.** (GRUPP TAL-KELMA)

Mal-bidu ta' Avvent imqaddes se nerġgħu nibew il-Grupp tal-Kelma ta' Alla, imsejjaħ "Lectio Divina".

Dan se jikun jikkonsisti f'laqgħa fil-ġimgħa fejn naqraw, nirriflettu, nitolbu u naqsmu flimkien il-ġid ta' kelma ta' l-Evanġelju.

Min jixtieq jieħu sehem huwa mitlub jinformana minn qabel u jkun irid jimpenja ruħu biex jattendi.

Din l-esperjenza qegħdin jagħmluha wkoll parroċċi oħra f'Għawdex u dawk li jattendu jistqarru li l-kelma ta' Alla għamlet bidla fihom.

## ENVELOPES TAL-KARITA'

L-envelope li qassamnielkom mal-Bullettin biex fih titpoġġa offerta għall-Karita' għandhom jintefgħu fil-kaxxi tal-knisja matul din il-Ġimgħa.

## KORS DWAR IL-BIBBJA

**L-Erbgħa,** 28 ta' Novembru jkompli l-Kors dwar il-Bibbja. Dan ikun fl-istess post u l-ĦIN ikun fil-**5.00p. m.**

## HIGH TEA

Se jiġi organizzat High Tea b'risq il-parroċċa, nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru 2007 fid-dar il-ġdida tal-Parroċċa u jibda fis-6.45p.m.

## FIERA TAL-MILIED.

L-Għaqda Drammatika Sannat se torganizza Fiera tal-Milied b'attivitajiet sbieħ għall-familja kollha. Ikun hemm ikel, logħob. Tombla u divertiment. Data il-Ħamis 13 ta' Diċembru fil-pjazza tal-knisja min-nofs inhar sas-7.00p.m. Min ikun interessat jippreżenta stand għandu icempel lil Mary Mifsud 99228352 jew Fr John Muscat 79935944.

## *Musical* dwar MADRE TERESA

L-aħħar shows tal-Musical dwar Madre Teresa ta' Kalkutta fl-Oratorju Don Bosco se jkunu isibt u l-Ħadd, 24 u 25 ta' Novembru fis-7.30p.m. Booking mill-Oratorju mill-5.00p.m. 'l quddiem.

## GRUPP SAN ĠORĠ PRECA

F'Għawdex se jitwaqqaf Grupp ta' tagħlim u talba mal-Qaddis San Ġorġ Preca. Dan se jkun fil-Museum tas-subien fir-Rabat. Jibda nhar il-Ħamis, 29 ta' Novembru. Kulħadd huwa mistieden.

## FULJETT DWAR L-INTERNET

Fil-Ġimgħa tal-Familja qassamna fuljett lill-ġenituri biex ikunu jistgħu jħarsu lill-uliedhom mill-ħafna perikli ta' l-internet. Min jixtieq kopja jista jitlobna waħda mill-Uffiċċju Parrokkjali.

Nirringrazzja mill-qalb lil dak li b'dedikazzjoni u bi mħabba lejn il-ġenituri, ħejja dan il-fuljett tassew interessanti.

Prosit ukoll lill-ġenituri ta' l-interess li kellhom fit-tagħlim li kellna għalihom matul din il-ġimgħa.